MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1/2002/1

Rikors Nru: 1/2002

Angela Camilleri u John Pace

vs

Alfred u Maria konjugi Portelli

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-3 ta' Jannar, 2002, fejn espona:

Illi l-esponenti huma ko-proprjetarji flimkien ma' ohrajn ta' ghalqa maghrufa bl-isem ta' Misrah il-Lewza, li ghandha l-access taghha minn Sqaq Numru 1, Triq tal-Qasbi, fil-limiti ta' B'Kara, liema raba' hija mikrija lill-intimati versu l-qbiela ta' Lm1 fis-sena li tithallas b'lura fil-15 ta' Awissu annwalment.

Illi fi zmenijiet recenti l-intimati naqsu milli jzommu fi stat tajjeb il-hitan tar-raba', anzi kkagunaw hsara lill-istess hitan, u wkoll naqsu milli jharsu l-kundizzjonijiet tal-istess kirja u deliberament ikkagunaw jew hallew li tigi kagunata hsara a dannu tal-esponenti, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fl-ahhar sentejn l-intimati naqsu milli jahdmu l-ghalqa mqabbla lilhom ghal perijodu ta' aktar minn tnax-il xahar konsekuttivi.

Illi l-esponenti ghandhom bzonn ir-raba ghall-uzu taghhom u tal-familja taghhom.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob li dan il-Bord joghgbu, prevja it-terminazzjoni tal-kirja fil-konfront tal-intimati, jordna l-izgumbrament tal-istess intimati mill-ghalqa maghrufa bl-isem ta' Misrah il-Lewza, li ghandha l-access taghha minn Sqaq Numru 1, Triq tal-Qasbi, fil-limiti ta' B'Kara, u dana f'terminu qasir u perentorju li jigi prefiss lilha ghal dan l-iskop.
Ra r-risposta ta' l-intimati fejn esponew:

Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kotnra l-istess rikorrenti stante li l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretenzjonijiet taghhom hekk kif diretti fil-konfront ta' l-intimati fir-rikors minnhom ipprezentat quddiem dan il-Bord, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

1. Fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2004 xehed bin ir-rikorrenti Angela Camilleri, Vincent Camilleri. Jirrizulta minn din ix-xhieda li l-qasam hu proprjeta' ta' erbgha minn nies: iz-zewg rikorrenti u Costantino Pace u Helen Pavia (Mal-affidavit ta' zewg ir-rikorrenti Joseph Camilleri hemm

lista ta’ immobbli “li jridu jinqasmu bejn l-eredi (ta’) Roland Pace, nofs parti minn naha wahda u n-nofs l-iehor bejniethom l-ahwa Pace, cioe’ John u Costantino Pace u Angela Camilleri u Helen Pavia).

2. Zgur li Angela Camilleri u John Pace, rikorrenti m’humiex il-proprjetarji kollha. L-intimat fl-imsemmija seduta eccepixxa li l-gudizzju mhux integru.

3. Fis-seduta ta’ wara intalab l-intervent ta’ Helen Pavia. Jista’ jkun li fil-verbal ma tnizzilx l-isem ta’ Costantino Pace.

4. L-artikolu 960 tal-Kap 12:

“kull min juri b’sodisfazzjon tal-Qorti li huwa ghandu interess f’kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista’ fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f’kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta’ l-ewwel grad kemm fil-Qorti ta’ grad ta’ appell, izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha”.

5. “Hu pacifiku illi biex persuna tigi ammessa in statu et terminis trid qabel kollox tiddemostra ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li ghanda interess” (“Alden vs Pace”, 28 ta’ Marzu, 2003 Prim Awla per P.S.) “L’istituto dell’intervento in causa e’ basato sulla speditezza e semplicita’ dei giudizi. Dimostrandosi chiaramente che un terzo ha un interesse qualunque, purche’ sostanziale, e non derivativo, nell’esito del guidizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e’ puo essere chiamato a prenderne parte. Per terzo nel linguaggio della Procedura s’intende qualunque persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente” (Aula Civile, 23 Novembre 1898, Vol XVI -1-117, “Stepton vs Spiteri” ara wkoll “ Abela vs Zahra et” App. 29 ta’ Ottubru, 2002). “L-intervenjent ‘in statu et terminis’mhux propjament parti fil-kawza fis-signifikat specifiku li l-espressjoni ‘parti tircievi fil-konfronti tad-disposizzjonijiet tal-Procedura Civili li jirrigwardaw l-intervent fil-kawza, u r-regola generali stabbilita’ mill-gurisprudenza hija illi l-intervenjent ‘in statu et terminis’ isofri l-ispejjez tieghu ammenoche’, ghal xi

ragunijiet partikolari tal-kaz il-Qorti ma jkunx jidhrilha xieraq tiddipartixxi minn din ir-regola.

Billi t-talba ghal intervenut in statu et terminis qed tigi maghmula minn ko-proprjetarji li zgur ghandu interess f'rikors ghall-izgumbrament tal-kerrej u thallew barra mir-rikors , il-Bord jilqa' t-talba u jiddifferixxi ghat-13 ta' Lulju, 2005 fl-10:00a.m. ghall-kontinwazzjoni u jordna n-notifika, spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------